**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Deċiżjoni Nru: 3010**

**Każ Nru: 4098/ JB.** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**Bejn**

**TCB Services Ltd C 79183**

**u**

**Aileen Comia Enriques**
**ID 0276695A**

**Illum: 28.06.2024**

Dwar allegat ksur tal-kuntratt ta'impieg in linea ma' l-Art.36 (12) tal-Kap. 452

**Chairperson: Is-Sur John Bencini, B.A (Hons), Lic-Phil, Lic. Theology, M.O.M.**

It- Tribunal ra id-digriet mogħti mit-Tribunal għal Talbiet Zghar datata 23 ta' Ġunju 2022 li bih il-każ gie mibghut sabiex jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali. L-ewwel seduta nżammet fl-14 ta' Ottubru, 2022.

## Ir- riferenza tal-Każ:

Dan il-każ gie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors tas-Socjeta' TCB Services Ltd, Ippreżentata mill-Avv. Mark Mifsud Cutajar u l-Avv. Julian Scicluna. Għall-intimata deher l-Avv. Antonio Depasquale.

## Il-Fatti fil-qosor:

Is-Soċjeta' rikorrenti permezz tar-rikors, kif ukoll tramite dokumenti, ippreżentat il-kuntratt tax-xoghol definit għal 12 il-xahar li kien jibda fit-3 ta' Novembru, 2021 u li jiġi tterminat fit-2 ta' Novembru 2022. Fis-16 ta' Novembru 2021, ir-rikorrenti bagħtet e.mail indirizzata lil ċertu Paul taħt is-Suggett -' Resignation-Aileen fejn kitbet hekk, *" I, Aileen Comia Enriquez, holding Malta ID number 0276695A wants to inform you that I will not continue my service with TCB, effective November 17, 2021. Please let me know my last working day. Thanks with my Regards, Aileen Enriquez.* Dan ġie kkonfermat mill-Legal Affairs Jobsplus li ġġib id-data tal- 20/10/2022. (Termination Form).

Fid-dikjarazzjoni fil-qosor tal-fatti li wasslu għat-tilwima, is-Soċjeta' Intimata qeghda titlob lill-intimata l-ammont ta' Euro 4,711.01, li jirrappreżentaw ammont ekwivalenti nofs is-salarju tagħha għall-perijodu li kien jonqosha taħdem għall-attrici u dan skont il-kuntratt tax-

xogħol (anness Dok A), wara li l-intimata abbandunat il-kuntratt tax-xogħol tagħha kontra l-ligi u l-obbligi tagħha.

**XHIEDA**

**Xehdu**: Aileen Comia Enriquez ( intimata), Claire Borg Johnson ( recruiting and outsourcing company) , Louis Buhagiar ( Rapprezentant - Jobsplus), Paul Ciappara (Human Resources Manager TCB), Sarah Pirotta mill-Lukanda DB San Antonio.

**TRATTAZZJONIJIET: ( Fil-qosor)**

Avv. Mark Mifsud Cutajar (Ghar-rikorrenti):

Is-Socjeta' rikorrenti ippreżentat din il-kawża fejn iddikjarat illi l-intimata kienet impjegata mal-istess. Kienet ingaġġata tul kuntratt li kellu terminu ta' sena. Wara li għadda t-terminu tal-probation, l-intimata iddeċidiet li ttemm ħesrem ir-relazzjoni ta' impieg tagħha mar-rikorrenti u allura ai termini tal-ligi, qed nagħmlu din it-talba fejn nitolbu ksur tal-kuntratt u r-refuzjoni ta' nofs is-salarju li kien għad fadal illi jorbot il-partijiet fil-kuntratt. Il-mistoqsija allura hi jekk it-terminazzjoni kientx wahda gustifikata. Ir-risposta għal din, tatihielna l-impjegata kemm fl-affidavit tagħha, kemm fil-korrispondenza aħħarija mas-Soċjeta', meta ġiet biex ittemm l-impieg. L-istess intimata waqt kontro eżami qalet li ma kinitx komda il-għaliex biex tmur fid-destinazzjoni fejn ġiet allokata x-xogħol kellha taqbad waħda jew tnejn tal-linja. Din in-naħa mhux qed tara illi din hija raguni serja u gravi tenut kont tal-fatt illi l-kuntratt jispecifika illi l-impieg tagħha, l-assenjazzjoni tal-impieg tagħha jista jkun 'anywhere' in Malta or Gozo. Ir-raguni ghalhekk m'hiex xi wahda valida. Ma jirrizultax illi kien hemm ħwejjeg ohra.

Avv. Antonio Depasquale (Ghall-Intimata):

Din hija kawza dwar talba tas-socjeta' attrici sabiex l-intimata tigi kkundannata tħallas ammont konsegwenza ta' allegat abbandun tagħha tal-kuntratt tax-xogħol tagħha ma' TCB. Kien hemm qbil li ffirmat kuntratt ma TCB qabel ma hija giet Malta u dan kien ifisser li permezz t'hekk ID Malta tat l-approval tagħha biex ir-rikorrenti tkun tista tigi Malta. Meta giet Malta, ntbagħtet mis-Socjeta' TCB taħdem fil-lukanda San Antonio bhala waitress. Damet hemm bejn it-3 ta' Novembru, 2021 u is-17 ta' Novembru 2021.

Is-soċjeta' attrici ikkonfermat li din il-kumpanija hija recruitment, recruiting u outsourcing. Meta ir-rikorrenti ffirmat pre-contrat meta l-anqas kienet għada giet Malta. Meta wasslet Malta qalulha li trid tiffirma kuntratt iehor, li fih kundizzjonijiet differenti mill-kundizzjonijiet illi kien hemm fl-ewwel kuntratt, partikularment f'dak li għandu x' jaqsam mal-probation. Din il-persuna ta' nazzjonalita' Filippina , gejja minn Dubai, giet pprezentata b'kuntratt gdid. Hija ngħatat probation ta' għaxart ijiem u irrizenjat wara hmistax il-gurnata', cioe fis-17 ta'Novembru, 2021. Kienet ilha Malta tlett gimghat. It-TCB jirrisponduha, 'no problem'. Qed naraw ir-rizenja tiegħek li qed nilqgħu. Issa narawk il-Qorti.

Il-ligi tirrikjedi illi l-impjegat ikun jaf fejn se jkun qieghed jahdem, mhux f'liema pajjiz. Tirrikjedi li ttih indirizz u hu jkun jaf li ha jkun qed jaħdem f'dak l-indirizz. Mill-Lukanda

San Antonio, telgħet tixhed Sarah Pirotta li hija l-HR business partner. Hija tikkonferma li ma jirrizulta assolutament xejn. Tikkonferma li San Antonio ma jafux lil Aileen, ir-rikorrenti. Qatt ma kellhom lil Aileen maghhom. Tkompli tgħid lit-TCB qatt ma semgħet bihom. Tkompli tgħid li rricerkat fuq il-grupp DB kollu kemm hu fuq il-lukandi kollha li għandha. U anke jekk hemm, la hemm records ta' TCB u la hemm records ta' Aileen bhala mpjegata. Mix-xhieda ta' Aileen, tgħidilna u tikkonfermah il-kontro-ezami, illi giet Malta bhala waitress mat-TCB, recruitment u outsourcing qatt ma ssemmew. Swietilha elfejn ewro sakemm waslet Malta, giet Malta b' li qalulha. F'Malta tghid li talbuha tiffirma ftehim iehor.

Huma bagħtuha tghix il-Qrendi. Tgħid li fis-sebgħa kienet tibda shift Bugibba, Fil-ħamsa ta' filghodu kuljum, kien ikollha titlaq mill-Qrendi, tidħol il-Belt u tmur Bugibba. Tgħid li meta talbet, qalulha le. Pjuttost tgħid u turi li kienu psatas magħha. Bħala konkluzzjoni, nerga' nfakkar lil dan it-Tribunal illi hawnhekk qed nibbazaw id-difiza ta' Aileen fuq l-artiklu 36, para 14. Jekk din il-persuna li nġibet Malta b'kuntratt, li nbidel meta waslet Malta, jekk din il-persuna li nġibet Malta bi probation ta' sitt xhur, inbidel għall-probation ta' ghaxart ijiem u jekk intbagħtet tahdem fil-hamsa ta' filghodu, meta sabulha post fejn tgħix il-Qrendi, jekk bagħtuha tahdem f'post mingħajr kundizzjoni mal-kumpanija lanqas nafu min hi, ma jafu xejn. Jekk meta talbet li tmur taħdem post iehor, giet infurmata, jekk meta rriżenjat, kien jinteressahom biss l-ammont f'kumpens … u fl-ahhar meta rnexxilna ntellgħu persuna mill-hotel San Antonio, din ma kienet taf, la bl-ezistenza tas-Soċjeta' attrici u lanqas bl-ezistenza ta' Aileen. … telqgħet minn hemm tfittex post iehor fejn taħdem, u kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni tal-Jobsplus, sitt gimgħat wara bdiet tahdem x'imkien iehor.

Avv. Mark Mifsud Cutajar: Xogħolna bhala avukati huwa li ninterpretaw il-fatt u l-kollega għogbu jinterpreta l-fatti bil-mod fil-wiesa' li għandu dritt jinterpreta. Mela,l-ewwelnett, hadd ma ġab lill-intimata minn barra tahdem Malta. L-intimata qabel ma sar jafha ħadd f' Malta, uriet ix-xewqa illi titlaq mill-pajjiz, l-anqas hu l-pajjiz origini taghha, kien pajjiz adottiv taghha Dubai….. Ghamlet perjodu tahdem, din xehditu, go Dubai tagħmel tip ta' xogħol differenti minn dak li kienet taghmel Malta. Riedet tbiddel pajjiz u din saqsejtilha, ha nkun qed nahdem ma' A, mentri mbaghad hdimt ma' B. Dawn ma ssemmihomx. L-uniku lamentela li a tempo vergine, li ma qabel ikkonsultat u kollox semmiet, qalet isma', jien ma nistax naqbad zewg buses…. U meta saqsejtha specifikament u ghidtilha, inti dik kienet il-problema? Mhux komda illi trid tqum kmieni eccetra… pero', allahares nikkunsidraw it-trattament ingust li persuna jrid jaqbad zewg buses tal-linja. Bl-ebda mod ma tintbaghat il-Qrendi biex indahluha f'sofferenza.

Avv. Antonio Depasquale: Rigward il-post il-Qrendi, hija tghid u tispjega fl-affidavit taghha, illi hi sahansitra hallset il-flus fejn kienet se tkun qed tabita meta tasal Malta, qabel ma telqet minn Dubai. Dan kien rikjest minnha. Punt iehor, il-procedura ta' xi kumpanija Maltija timpjega persuna barranija biex tahdem maghha hu illi tintalab tipprezenta a draft of the contract that will be signed with the prospective employee. Id-draft illi jipprezentaw, jippermetti jew jipprovdi direttament probation ta' sitt xhur. Giet Malta, u gie ffirmat kuntratt illi dak il-probation ta' sitt xhur, kif kien fil-promessa, tnehhew dawk is-sitt xhur u nghatat ghaxart ijiem. Jigifieri contract one u contrat two huma differenti…

Avv. Mark Mifsud Cutajar: Il-probation ma kienx inkluż dak id-dettal fil-pre-contract, pero' umbagħad tnizzel. Ma jfissirx illi nbidel.

Avv. Antonio Depasquale: hekk hu. Pero' l-liġi jafha l-kollega iktar minni, illi l-liġi tgħidlek illi meta ma jkunx hemm referenza għall-probation u għall-perjodu tal-probation, huwa l-probation li  ttik il-ligi. Jiġifieri ċ-ċirkustanzi huma probation ta' sitt xhur.

Avv. Mark Mifsud Cutajar: Probation qasir huwa dejjem favur l-impjegat għax  hemm ir-rabta…. Hemm iktar l-istedina għar-rabta, hemm iktar is-*security of tenure* tal-impjegat favur. Jiġifieri, jekk il-probation huwa lejn l-inqas huwa iktar favur tas-sahha tal-kuntrat fuq l-impjegat

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk dan kienx kaz tal-ksur tal-kuntratt tal-impieg in linea mill-Art 36 (12) li jghid, *" impjegat li jitlaq mis-servizz tal-principal tieghu qabel iz-zmien specifiku fil-kuntratt ta' servizz ghandu jhallas lill-Principal tieghu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz ghall-bqija taz-zmien hekk espressament miftiehem".*

Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process u dan kif sponut mix-xhieda, id-dokumenti mill-partijiet u t-trattazzjoni finali tal-Avukati.

It-Tribunal ghandu quddiemu sitwazzjoni fejn l-intimata Aileen Comia Enriquez kienet giet assistita biex tigi Malta mill-UAE, minn TCB Services (Malta). Permezz ta Affidavit datata 12/5/ 2023, fost affarijiet ohra tghid:

"*The first time I met with someone from TCB Services Ltd was when I came to Malta. Before coming to Malta, during the application process whilst I was still in Dubai, I had met online through a group call with an agent of TCB Services Ltd who was present for the group call together with other applicants like  me wanting to come to Malta, and with the owner of the agent in Dubai….Throughout the process I gave all the information I was asked…. I had signed all the papers that were needed from me. I paid in total, including for the travel tickets to come to Malta and for an advance payment for accomodation in Malta, no less than 8,000 dirhams which is approximately 2,000 Euros…… Leaving Dubai to come to Malta, I was under the impression that all was confirmed and that all was signed and that I was going to be working 40 hours a week surely and may be, more….. when I came to Malta I had a meeting with TCB Services and met the HR Paul Ciappara and was asked to sign another contract which today I understand was changing the terms of the first contract I had signed when I was still in Dubai and when I accepted the job offer and took the decision to come to Malta. I was not following very well what was happening as I was trusting the employer. The reality is that even if I had realised that the conditions we agreed to before I came to Malta were being changed, I would have had no alternative but to accept the changed offer as I was now in Malta unable to do anything………I worked in a hotel (San Antonio, Bugibba) for a week with my shifts starting at 7am. This meant that I had to leave my home in Qrendi…as early as 5am…… This was impossible for me to keep up and I asked TCB Services to find me a place to work closer to where I lived or maybe in Valletta. Paul from TCB Services Ltd, HR*

*called me telling me many bad things and that this is not possible and that I must make it to work at San Antonio Hotel…"*

Hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn persuna Filippina ta' 31 sena ddeċidiet li tigi taħdem Malta u tibda hajja ġdida. Kollox kien jidher li miexi sew sakemm waslet Malta u bdew l-intoppi. Hija kellha l-impressjoni li ser taħdem *ta'waitress* ma TCB, meta fil-fatt TCB hija kumpanija li tipprovdi *recruitment, recruiting* u *outsourcing.* Ftit wara li waslet Malta, giet mitluba tiffirma kuntratt gdid. U hawn huwa il-*crux of the matter*, il-*nocciolo della questione*.

Fil-fatt, ir-rikorrenti fl-affidavit tagħha tgħid li hawn meta waslet, saru xi tibdiliet fil-kuntratt tagħha u li fiċ-ċirkustanzi ma kellhiex triq oħra ħlief jew tibqa bla xogħol jew taccetta il-kuntratt bit-tibdiliet li saru. Fost xi tibdiliet, hija ngħatat probation ta' ghaxart (10) ijiem biss meta f' Malta il- prassi ferm komuni, fejn hemm kuntratt ta'sena hija ta' almenu erbgħa (4) xhur, gieli sitta (6). Fil-fatt minn ricerka li saret minn dan it-tribunal jirrizulta li fl-UAE (United Arab Emirates), minn fejn giet ir-rikorrenti, il-probation aċċettata hemmhekk hija ta' bejn it-tlieta (3) u sitt(6) xhur skond iż-żmien tal-kuntratt. Hekk kellha l-impressjoni li ser isir hekk hawn Malta, għax ir-rikorrenti għamlet bosta snin taħdem hemm.

Fl-1 ta' Diċembru, 2023 telgħet tixhed is-Sinjura Sarah Pirotta, fejn qalet li taħdem ma DB grupp u hemm il-pożizzjoni hija *HR Business Partner*. Meta ġiet mistoqsija mill-Avv. Antonio Depasquale dwar ' il-ftehim, illi kien hemm, bejn id-DB group ma TCB Limited, ix-xhud wieġbet li *'mir-records taghna, ma deherx li kellna a written agreement mat-TCB'*. Meta mistoqsija dwar jekk tafx li kien hemm xi ftehim dwar l-impieg ta Aileen Comia Enriquez specifikament mad-DB group, specjalment gewwa l-lukanda, DB San Antonio, Sarah Pirotta wiegbet *li ' mir-records taghna, ma deherx illi kellna din l-impjegata taħdem magħna'*. Ix-xhud qalet ukoll li fil-lukanda DB San Antonio, *" iccekkjajt jekk kellniex impjegati ohra mat-TCB, mal-kumpanija kollha, imma ma deherx li kellna"*

It-Tribunal hawnhekk qed jara li bosta affarijiet ma sarux kif wieħed kien jistenna, l-affarijiet, ma kienux ċari biżżejjed. Is-servizz li ir-rikorrenti ngħatat kienu inkompluti u mhux trasparenti biżżejjed, kif wieħed kien jixtieq. Umbagħad l-*ultima goccia sul dorso del cammello* kien meta ntbaghatet tgħix pjuttost il- boghod minn Bugibba , cioe' il-Qrendi, kulljum kellha bil-fors titlaq mid-dar fil-5 am biex tasal il-lukanda xi sagħtejn wara.

Meta t-Tribunal iqis il-fatti kollha tal-każ jasal għal konklużjoni illi kemm il-kundizzjonijiet kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-impjieg tagħha xejn ma kienu ċari. Agħar minn hekk, il-perijodu tal-*probation* ġie stabbilit f'ammont ferm iqsar milli tipprovdi il-liġi u dan <u>wara</u> illi l-intimata kienet ġiet Malta biex tassumi l-impjieg offert mis-soċjetà rikorrenti. Jekk is-soċjetà rikorrenti riedet tagħti terminu ta' *probation* inqas minn dak li tikkontempla l-liġi kienet fl-obbligu li tinforma lir-rikorrenti dwar dan mal-ewwel u mhux tħalliha tiġi Malta u wara tippreżentala kuntratt bi *probation period* ta' ftit ġranet! It-Tribunal ma jistax jaqbel mal-argument tad-difensur tas-soċjetà rikorrenti illi *probation period* iqsar huwa ta' vantaġġ għal impjegat u għaldaqstant qiesu ma kienx hemm il-ħtieġa li dan jiġi iċċarat minn qabel.

Dan biex ma nsemmux ukoll in-nuqqas ta'ċertezza rigward iċ-ċirkostanzi *sia* tal-impjieg innifsu u *sia* tad-*deployment* tal-intimata. Mix-xhieda jirrizulta bl-aktar mod ċar illi l-maniġment tal-lukanda ossia post tax-xogħol fejn ġiet *deployed* l-intimata mhux biss ma

kienu jafu xejn dwar l-intimata bħala ħaddiema magħhom (jew li qed tipprovdi servizz magħhom tramite s-soċjetà' rikorrenti) imma anqas ma' jidher li kien hemm xi ness kuntrattwali jew formali mas-soċjetà' rikorrenti li kienet qed timpjega lill-intimata! Dan kollu juri l-leġġerezza illi bih s-soċjetà' rikorrenti bħala *employer* ittrattat l-impjieg u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Wara li għamel dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha kif imsemmija hawn fuq, It-Tribunal, qed jasal għall konklużjoni illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ir-rikorrenti kellha raġuni ġusta u suffiċjenti fil-ligi sabiex tittermina l-impieg tagħha u għaldaqstant it-Tribunal jiċħad it-talbiet tas-soċjetà' Intimata.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

(Iffirmat)

Is-Sur John Bencini B.A.(Hons), Lic.Phil, Lic.Theology, M.O.M.